MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru. 233/1994

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Walter Spiteri)**
**(Spettur Nicholas Ciappara)**
**(Supretendent Lawrence Cutajar)**

**Vs**

**Joseph Apap**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat Joseph Apap (ID 196471M) u dan talli f'Hal Qormi, fil-5 ta' Jannar, 1991, kien komplici ta' serq ta' karozza numru C-9480 tal-marka Mazda 323 ta' kulur metallic blu, li l-valur taghha huwa ta' aktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta' Mario Zahra, liema serq hu aggravat bil-hin, mezz, ammont u x-xorta tal-haga misruqa, billi b'xi

mod li jkun, xjentement ghen lill-haddiehor, jew assistieh fl-atti li bihom id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat;

Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, flimkien ma haddiehor volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' f'karozza numru C-9480 tal-marka Mazda 323, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn Lm500 ghad-dannu ta' Mario Zahra minn Hal-Qormi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 67 tal-atti) u li biha, billi deherlu li biha tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat u a bazi tal-istess kumpilazzjoni, taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-Artikoli 42, 43, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 278 (1)(2)(3), 20, 279(b) tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 325 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 533 tal-Kodici Kriminali;

baghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti f'nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-istess imputat jiddikjara, wara li l-istess Qorti ghamlet dak mitlub fl-istess nota tal-Avukat Generali, li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu kif ukoll semghet ix-xhieda prodotti minnu.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi, <u>l-Ufficjal Prosekutur</u>, <u>l-Ispettur Walter Spiteri</u> (fol 17 et seq ibid) spjega illi d-derubat, Mario Zahra kien fil-5 ta' Jannar 1991, informa lill-Pulizija tad-distrett illi minn vicin ir-residenza tieghu f'Ta' Farzina, gewwa Hal Qormi, kienet insterqet il-karozza, propjeta tieghu, tal-marka Mazda 323, bin-numru C 9480 u blu metallika bhala kulur. Dan kien kompla billi qal illi din is-serqa sehhet bejn is-6.30pm u s-7pm tal-istess data. L-ghada ghall-habta tal-10am, il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni anonima illi din il-vettura kienet insterqet <u>minn certu Ronald Apap</u> li gie

arrestat. Inolte fl-istess jum certu Amabile Buttigieg kien informa lill-Pulizja illi l-istess vettura msemmija kienet tinsab f'garage mikri lill-akkuzat, liema informazzjoni kienet inghatat, lil dan, mill-istess akkuzat li kien qed jakkumpanja lill-istess Amabile Buttigieg meta dan kien ghamel dan ir-rapport fl-ghassa. Ghalhekk fl-istess garage sitwat f' 'plot 98' go triq gdida li taghti ghal go Triq l-Imdina, Hal Qormi, kienu marru l-istess akkuzat, Amabile Buttigieg u PC 744 Anthony Vella (ara 'infra') u, hawnhekk, instabet il-karozza misruqa, zarmata kompletament hlief ghall-magna u r-roti. L-akkuzat gie, ukoll, arrestat. L-Ufficjal Prosekutur kompla billi qal illi, oltre illi mill-istess 'garage' kienu gew elevati xi 'shoe prints' minn fuq twapet tal-lastiku, kienet saret tfittxija fir-residenza tal-akkuzat u ta' huh gja msemmi Ronald Apap, sitwata f'334 fl-istess Triq l-Imsida. Minn hawnhekk gew elevati par 'slippers' appartenenti lill-istess Ronald Apap. Sussegwentement, fil-kors tal-inkjesta li saret mill-Magistrat tal-ghassa, (ara wkoll 'infra'), l-akkuzat kien irrilaxxja, volontarjament, u debitament imwissi, <u>stqarrija guramentata</u> minnu dwar dan il-kaz (ara 'infra' wkoll) oltre li ghamel <u>stqarrija bil-miktub</u> lill-Pulizija u li tinsab annessa u markata bhala <u>Dok WS</u> a fol 24 u fol 25 tal-atti. Hu rrileva, wkoll, illi l-akkuzat odjern kien ghazel li jixhed fil-proceduri kriminali kontra l-istess huh, liema proceduri gew decizi finalment (ghal kull bon fini ara r-rapport, dwar dan il-kaz, a fol 27 ibid).

Illi l-imsemmi <u>PC 744 Anthony Vella</u> xehed (fol 28 sa fol 30 ibid) li kkonferma dak li xehed l-Ufficjal Prosekutur dwar it-tfittxija li saret fl-imsemmi 'garage' li kien infetah, b'cavetta li kienet fil-pussess ta' Amabile Buttigieg. Inoltre hu spjega illi l-partijiet li kienu izzarmaw mill-istess karozza tat-tip 'saloon' kienu "apparentement …..sitwati fuq in-naha ta' wara….." u mghottija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Mario Zahra</u>, sid l-vettura involuta (fol 43 et seq ibid) ikkonferma dak li xehed l-Ufficjal Prosekutur dwar kif, fi spazju ta' nofs siegha kienet, ittiehdet l-istess vettura li kienet msakkra minn kull imkien inkluz l-'steering lock' taghha. Sussegwentement hu kien gharafha, zarmata kif

kienet, fil-'garage' imsemmi "…..li s-sid tieghu huwa certu Amabile Buttigieg". Ix-xhud kompla jghid illi hu kien akkwista l-karozza 'Mazda 323 Saloon' madwar gimghatejn qabel l-incident u dan bhala 'second hand' u, tenut kont li kien hemm involut ukoll tpartit, hu sostna li, b'kollox kien nefaq madwar Lm3,600.

In rigward Amabile Buttigieg, dan (a fol 47 u fol 102 et seq ibid) ikkonferma li l-'garage' fejn instabet il-karozza misruqa jappartjeni lilu izda kien krieh lill-akkuzat. Fil-jum in kwistjoni, kien avvicinah l-akkuzat u dan qallu li fl-istess 'garage' kien hemm karozza misruqa. L-akkuzat kien kompla billi qallu "…sabiex nibqa sieket fuq dan il-punt u huh kien ser jaghtih Lm60". Hu kien irrifjuta din il-proposta u ghalhekk kien irraporta l-kaz lill-Pulizja u fl-istess garage hu kien ra' l-istess karozza misruqa u zewg karozzi ohra, wahda tal-istess xhud u ohra tal-akkuzat. Dwar ic-cwievet tal-istess 'garage', ix-xhud kellu wahda, l-akkuzat ohra u ma kienx hemm aktar cwievet.

Ikkunsidrat

Illi, mal-atti, gew esebiti dawk konnessi mal-proceduri li ttiehdu kontra Ronald Apap. Ma dawn l-atti hemm annessa ma dawk fil-'proces verbal' l-istqarrija guramentata rilaxxata mill-akkuzat odjern u hawnhekk hu stqarr li, ghall-habta tas-7.30pm, kien ltaqa ma huh, Ronald, u huma flimkien, marru f'diskoteka, f'Paceville, San Giljan u ghall-habta tal-10.45pm marru lura u kien hawnhekk li huh kien qallu li kien seraq l-karozza involuta, liema karozza kienet fil-'garage' in kwistjoni, fejn giet murija lilu. Meta, l-ghada filghodu, hu kien mar lura fil-'garage' ghall-habta tad-9.30am, hu kien sab lill-istess huh waqt li dan kien qed jzarmah. Dwar dan hu stqarr li "….ghintu hafif izarma l-karozza", li hu kien jaf li kienet misruqa. Inoltre hu kompla jghid illi "….naf li ghamilt hazin li ghent lil(l-) hija idahhal il-karozza u jghattiha u li izarmaha….Izarmaha mhux propja". L-istess akkuzat kien qal illi hu kien ta' c-cavetta tal-'garage' lill-istess huh xi granet qabel l-incident, minghajr, pero, ma kien qallu, dan, x'kienet ir-raguni. Jigi notat illi a fol 24 tinsab l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat u markata Dok WS3 u fiha l-akkuzat kien stqarr li, matul il-lejl in kwistjoni kien intiz sabiex

jorqod fl-istess garage izda, fuq insistenza ta’ huh Ronald kien mar f’Paceville, San Giljan fejn damu sa madwar il-11pm. Meta kienu irritornaw lura f’Hal Qormi u dahal bil-karozza tieghu fl-istess ‘garage’, hu kien sab il-karozza misruqa. Wara li kien qal lill-huh, illi dan kellu “….jehles minnha s’ghada’. L-akkuzat kien accetta s-suggeriment ta’ huh sabiex “…..nghinu biex izarmaha”. Hawnhekk l-akkuzat stqarr ukoll, illi xtaq illi jiehu l-‘istereo’ mill-istess karozza misruqa u ‘…jiena qlajt l-‘istereo’. Inoltre, l-ghada filghodu kmieni, wara li l-akkuzat kien raqad matul il-lejl, fil-karozza tieghu, hu, effetivament ghen lill-huh jzarma l-karozza misruqa, sakemm spiccat fl-istat kif instabet mill-Pulizja.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-espert tekniku u xjentifici, nominati fl-inkjesta u konfermati waqt din il-kumpilazzjoni, ma jidhirx li dawn huma ta’ ghajnuna fid-decizjoni li ghandha tittiehed f’dan il-kaz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in difesa, xehed l-<u>akkuzat</u> (fol 79 et seq ibid). Anke fix-xhieda tieghu, hu stqarr li effettivament wara li kien digja jaf li l-karozza kienet misruqa effettivamnet, kien <u>ghen u ppartecipa fiz-zarmar tal-istess karozza</u> u bhala kumpens ta’ dan kien accetta l-‘istereo’ gja msemmi u li kien installat fil-karozza misruqa anzi “rajt…..igib dan l-‘istereo’ minn gewwa l-karozza” (ara wkoll ix-xhieda ta’ omm l-akkuzat <u>Anna Apap</u> a fol 80 et seq ibid, ta’ <u>Jacqueline Apap</u>, oht l-akkuzat a fol 44 et seq ibid, ta’ <u>Carmen Attard</u>, iz-zija tal-akkuzat a fol 104 et seq ibid, ta’ <u>Noel Apap</u>, hu l-akkuzat a fol 115 et seq ibid, u ta’ <u>Guza Cassar</u>, in-nanna tal-akkuzat a fol 126 sa fol 128 ibid oltre dik tal-imsemmi <u>Ronald Apap</u> a fol 113 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk, ser tigi konsiderata l-akkuza ta’ serq tal-imsemmija vettura kif migjuba kontra l-akkuzat, bil-kwalifiki mnizzlin fl-imsemmija ‘artikoli’ tal-Avukat Generali. Filfatt dwar din l-akkuza, anke tenut kont ta’ dak

li jinghad dwar ‘recent possesion’ ma nstabet ebda element ta’ prova sabiex jikkolega s-serq tal-istess vettura ma’ xi att kommess mill-akkuzat.
Illi, pero’, ghandu jigi rilevat illi, fil-konfront tal-akkuzat ma nghatatx l-akkuza ta’ ricettazzjoni skond l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, meta nhargu l-akkuzi dejjem fill konfront tieghu permezz tac-citat ‘artikolu’.

Illi mill-istess provi, jirrizulta, b’mod car illi l-akkuzat ghandu jinstab hati ta’ hsara volontarja fl-istess karozza oltre l-valur ta’ Lm500.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti waqt li ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuza ta’ serq kif kwalifikat issib lill-istess akkuzat hati talli f’Hal Qormi fil-5 ta’ Jannar 1991, flimkien ma haddiehor volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli u cjoe f’karozza numru C9480 tal-marka Mazda 323 liema hsarat jammontaw ghal aktar minn LM500 ghad-dannu ta’ Mario Zahra minn Hal Qormi u dan skond l-artikolu 324(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena, wara li rat il-fedina penali tal-akkuzati a fol 22 ibid  minn fejn jidher li l-kondotta tal-akkuzat ma hiex xi wahda serja jew gravi, l-Qorti thoss li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------